MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru 4/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Mariano Grixti**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza mahruga mill-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli :

**L-Ewwel Kap**

Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2005 ghal habta ta' l-erbgha u nofs ta' wara nofs in-nhar (04:30pm), l-akkuzat kien qieghed fl-ghalqa tieghu sitwata fiz-Zurrieq jirranga u jibni hajt tas-sejjiegh. Sussegwentement, sab oppozizjoni minn Joseph Mifsud li dak il-hin kien qieghed josservah minn go l-ghalqa tieghu biswit dan l-istess hajt tas-sejjiegh.

Illi l-akkuzat u Joseph Mifsud bdew jargumentaw. Prezenti kien hemm ukoll it-tifel ta’ Joseph Mifsud, dak iz-zmien il-minuri Redeemer Mifsud.

Illi f’mument minnhom Joseph Mifsud ta dahru lil l-akkuzat u dak il-hin l-akkuzat dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Joseph Mifsud kif ukoll lit-tifel tieghu Redeemer Mifsud jew li jqieghed il-hajja taghhom f’periklu car, ipponta senter tal-kacca fid-direzzjoni taghhom u sparalhom hames tiri.

Illi b’dawn il-hames tiri laqat lil Joseph Mifsud f’daru, f’idejh ix-xelluga kif ukoll f’saqajh. Biz-zewg tiri l-ohra laqat lil Redeemer Mifsud f’daru kif ukoll f’zaqqu. Fortunatament, kemm Joseph Mifsud kif ukoll il-minuri Redeemer Mifsud ma mietux u ghal din ir-raguni l-akkuzat ma irnexxilux fil-ghan tieghu.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Mariano Grixti sar hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dana l-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

Illi b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mariano Grixti datata t-27 ta’ Settembru 2004, kif ukoll b’sentenza ta’ l-istess Qorti bl-istess ismijiet pero datata 13 ta’ Mejju 2002 l-imsemmi akkuzat instab hati ta’ diversi reati.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mariano Grixti recidiv f’delitt u hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’perikolu car, wera dana l-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta’

prigunerija minn seba' snin sa l-ghomor skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 17, 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**<u>It-Tieni Kap</u>**

Fl-istess data u hin indikat fl-ewwel Kap, waqt li l-akkuzat kien qieghed fl-ghalqa tieghu huwa kellu mieghu is-senter tal-kacca ta' ghamla Browning bin-numru 751 PP-44538 ikkargat lest b'hames skratac. Illi waqt l-oppozizzjoni li Joseph Mifsud u ibnu ghamlu fuq il-bini ta' hajt tas-sejjieh li l-akkuzat kien qieghed jipprova jibni, l-akkuzat uza dan is-senter sabiex jispara hames tiri fid-direzzjoni ta' l-isess Joseph Mifsud u ibnu Redeemer Mifsud. Illi b'dawn il-hames tiri li l-akkuzat spara fuq Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud, ikkawzalhom griehi li hajjithom spiccat fil-perikolu tal-mewt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Mariano Grixti sar hati talli waqt li kien qieghed jikkommetti delitt kontra l-persuna fuq Joseph Mifsud u ibnu Redeemer Mifsud kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar ossija dan is-senter ta' ghamla Browning liema arma ma kinitx qieghda tingarr ghal xi ghan legittimu.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mariano Grixti datata t-27 ta' Settembru 2004, kif ukoll b'sentenza ta' l-istess Qorti bl-istess ismijiet pero datata 13 ta' Mejju 2002 l-imsemmi akkuzat instab hati ta' diversi reati.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mariano Grixti recidiv f'delitt u hati talli waqt li kkommetta delitt kontra il-persuna kellu fuqu arma tan-nar liema arma ma kinitx dak il-hin qeghda tingarr ghal xi ghan legittimu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija sa tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 17, 49, 50, 31 (1)(b)(viii) u 533 tal-Kodici Kriminali

kif ukoll l-artikolu 26(a) ta’ Ordinanza Dwar l-Armi, Kapitolu 66 jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Philip Galea Farrugia.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Joe Brincat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat in-Nota tal-akkuzat tal-21 ta’ Marzu 2011, li biha ddikjara li hu ghazel li guri ma jigix maghzul ghal din il-kawza a tenur tal-artikolu 436 (6) tal-Kodici Kriminali;

Rat li l-akkuzat fl-udjenza tas-6 ta’ Frar, 2012, wiegeb li ma kienx hati taz-zewg Kapi ta’ l-Att tal-Akkuza;

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fis-26 ta’ Ottubru, 2005 ghall-habta tal-4.30 p.m. l-akkuzat kien qieghed fl-ghalqa tieghu maghrufa bhala “fil-Qortin” limiti taz-Zurrieq jibni hajt tas-sejjieh li parti minnu kien waqa` wara xi maltempata. Fl-istess inhawi kien hemm Joseph Mifsud u ibnu Redeemer, ta’ l-ewwel fl-ghalqa tieghu bi swiet dik tal-akkuzat u Redeemer fir-razzett vicin. X’hin rah jirranga l-hajt Joseph Mifsud wera l-oppozizzjoni tieghu u pprova jzomm lill-akkuzat milli jkompli ghaddej bix-xoghol tieghu. Mifsud deherlu illi bix-xoghol li kien qieghed jaghmel l-akkuzat kien qed jilledi d-drittijiet tieghu u ghalhekk talbu biex ma jkomplix bix-xoghol li kien qieghed jaghmel. L-akkuzat irrifjuta u jidher illi kien hemm argument bil-kliem. Dak il-hin Redeemer Mifsud li kien qieghed fir-razzett fil-vicin sema` l-ghajjat taz-zewgt irgiel. Redeemer hareg mir-razzett u f’dak il-mument ra lill-missieru Joseph u l-akkuzat jigu fl-idejn. Ma genb l-akkuzat, jistrieh mal-hajt kellu senter illi kien gab mieghu ghall-kacca. Meta Redeemer wasal hdejnhom Joseph Mifsud kien ser jibda

jallontana ruhu mill-akkuzat tant illi tah dahru. Kien f'dan il-mument illi gew sparati hames tiri, tlieta minnhom laqtu lil Joseph Mifsud u tir wiehed laqat lill-ibnu Redeemer Mifsud. L-impatt fuq iz-zewg persuni kien fuq id-dahar mill-qaghad l-isfel.

L-akkuzat Mariano Grixti qed jigi addebitat illi dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Joseph Mifsud kif ukoll lit-tifel tieghu Redeemer Mifsud jew li jqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car ipponta senter tal-kacca fid-direzzjoni taghhom u sparalhom hames tiri. Fortunatament kemm Joseph Mifsud kif ukoll il-minuri Redeemer Mifsud ma mietux sforz l-intervent kirurgiku u f'waqtu li salvalhom hajjithom.

Ghalhekk bl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza l-akkuzat Mariano Grixti qed jigi akkuzat b'tentattiv t'omicidju volontarju.

Fit-Tieni Kap l-akkuzat qed jigi addebitat bir-recidiva kif ukoll talli waqt li kkommetta delitt kontra l-persuna kellu fuqu arma tan-nar, liema arma ma kienitx dak il-hin qeghda tingarr ghal ghan legittimu.

Qabel mal-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-akkuza taht l-Ewwel Kap ikun opportun li tiddisponi mill-akkuza tat-Tieni Kap.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi huwa minnu illi l-akkuzat Mariano Grixti, fil-gurnata u hin imsemmi kien qed izomm u jgorr arma tan-nar. Dana kien senter tal-kacca tat-tip "semi automatic" tad-ditta Browning bin-numru ta' registrazzjoni 751PP44538 ta' kalibru 12 u jista` jigi armat b'hamest iskratac, erba` fil-magazin u wiehed fil-kanna.

L-akkuzat kellu ukoll cunturin tal-kacca b'disgha w ghoxrin skartocc kollha tal-kalibru 12.

Irrizulta illi fuq il-post tal-incident ingabru sitt iskratac vojta, wiehed minnhom pero` ma kienx uzat dak il-hin tal-

incident. Mic-comb illi ingabar minn fuq il-post kif ukoll minn dak illi gie elevat waqt l-operazzjoni medika irrizulta illi c-comb kien irqiq, kalibru 10 normalment uzat kontra l-ghasafar ta’ daqs zghir. Irrizulta illi l-akkuzat kien debitament licenzjat biex izomm u jgorr dak is-senter partikolari ghall-fini tal-kacca. Issa z-zmien illi gara l-incident fis-26 ta’ Ottubru huwa l-ahjar zmien ghall-passa tal-harifa partikolarment ghall-imliefez, tajra popolari hafna fost il-kaccaturi Maltin. Kontra dan l-ghasfur partikolari tradizjonalment jintuza comb ta’ kalibru 10, l-istess kalibru ta’ comb illi gie elevat minn Joseph Mifsud u ibnu Redeemer waqt l-operazzjoni biex jigu salvati hajjithom.

L-akkuzat jghid illi huwa mar fl-ghalqa bl-intenzjoni specifika li jsewwi l-hajt tas-sejjieh u peress illi kien zmien il-kacca ha s-senter mieghu ghallijista` jkun jghaddi xi malvizz jew inkella xi ghasfur iehor tal-kacca.

Dina hija prassi komuni fost in-nies illi jahdmu r-rabgha u ta’ spiss tiltaqa` ma bdiewa illi jkunu qeghdin jahdmu l-ghelieqi u fi zmien il-kacca jiehdu s-snieter maghhom u jpogguhom mal-hajt ghal li jista` jkun. Hadd ma jkun jaf meta u kif se tigi l-kacca u mhuwiex mistenni illi nies illi jahdmu l-ghelieqi jahlu hafna hin iharsu lejn is-sema ghallijista` jkun jghaddi xi ghasfur. Ghalhekk b’sens ta’ ghaqal u biex ma jahlux zmien, jahdmu l-ghelieqi b’mod normali umbaghad meta jimilhu xi ghasfur, u jekk jaghtihom ic-cans, ikunu jistghu juzaw is-senter.

Ghalhekk meta l-akkuzat jghid illi huwa mar biex isewwi l-hitan, u fl-istess hin ha mieghu is-senter tal-kacca, l-Qorti jidhrilha illi din il-verzjoni hija probabilment vera, peress illi tinkwadra bl-operat komuni ta’ nies illi jahdmu r-rabgha u jkun ukoll dilettanti tal-kacca.

Ghalhekk sa dak il-hin illi l-akkuzat kien qieghed isewwi l-hajt u garr ukoll l-arma tal-kacca, dina kienet qieghed ghandu u kienet qeghda tingarr ghal ghan legittimu.

Ghalhekk din il-Qorti ma jidhirlix illi t-Tieni Kap jissussisti u minnu l-akkuzat ghandu jigi liberat.

Il-Qorti issa tghaddi biex tikkunsidra l-Ewwel Kap.

Ikkunsidrat :

F'dan il-Kap l-akkuzat Mariano Grixti qed jigi addebitat b'tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb illi joqtol lil Joseph Mifsud u lil Redeemer Mifsud jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu. Dan ifisser illi l-hsieb ahhari tal-akkuzat illi toqtol lil dawn iz-zewg persuni gie sfrattat bl-intervent kirurgiku f'waqtu, liema intervent sar minghajr il-volonta` tal-akkuzat.

Ikkunsidrat :

Jinghad mill-bidu nett illi l-akkuzat mhuwiex qieghed jinnega illi kien hu li effettivament spara t-tiri fid-direzzjoni ta' Joseph Mifsud u ibnu Redeemer u li gew kawzati l-feriti riskontrati mit-tobba illi xehdu f'din il-kawza, liema feriti kienu tant gravi illi kienu sejrin jikkawzaw il-mewt li kieku ma kienx ghall-intervent kirurgiku. Hemm pero` zewg verzjonijiet konfliggenti ghal kif u ghal x'hix saret din l-isparatura.

Il-parti leza Joseph Mifsud jghid illi dak il-hin tal-incident hu kien qieghed fl-ghalqa tieghu u ra lill-akkuzat jibni parti mill-hajt ta' sqaq illi kien jifred l-ghelieqi taghhom. Mifsud deherlu illi bil-mod kif kien qieghed jibni l-hajt kien qieghed invadi l-isqaq u deherlu illi kienu qeghdin jigu lezi d-drittijiet tieghu. Ghalhekk avvicina lill-akkuzat u qallu biex ma jkomplix bix-xoghol illi kien qieghed jaghmel. L-akkuzat irrifjuta u qallu biex ihallih bi kwietu, izda Mifsud ma ghamilx hekk u kompla jinsisti mieghu biex dan il-hajt ma jtellghux u anki qallu illi kien se javza lil sid l-art bix-xoghol illi kien qieghed jaghmel.

Mifsud jghid illi dejjem baqa` fl-ghalqa tieghu waqt illi l-akkuzat jghid illi Mifsud tela` hdejh go l-isqaq u kien hawnhekk illi l-argument bil-kliem spicca bl-idejn u anki gew uzati xi gebel.

L-akkuzat jghid illi Mifsud tah daqqa ta’ gebla fuq sidru u anki tefghu mal-art u ghafsu mal-hajt. Kien dak il-hin illi gie Redeemer Mifsud jara lill-missieru u lill-akkuzat maqbudin ma’ xulxin.

Mifsud dar biex jitlaq minn fejn il-post tal-incident u dak il-hin l-akkuzat qabad is-senter u ta l-ewwel tir lil Mifsud. Mifsud waqa` mal-art, qam, l-akkuzat esklama “ghadek haj !!” u tah tir iehor. Hawnhekk l-akkuzat dar fuq Redeemer u qallu “int gejt ukoll?” u tah tir. Sadanitant Joseph Mifsud kien qieghed jallontana ruhu u hawnhekk l-akkuzat spara tir iehor fid-direzzjoni tieghu. Minn hawn jew minn hemm iz-zewg persuni feruti baqghu mixjin hdejn mansab illi kellu Guzeppi Zahra u talbuh ghall-ghajnuna.

Guzeppi Zahra jghid illi huwa ma semax argumenti izda sema` t-tiri, pero` peress illi kien zmien il-kacca ma tantx ta kaz partikolari u meta Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud avvicinawh qalulu biss illi sparaw fuqhom minghajr ma indika l-persuna.

Zahra seta` jara illi dawna kienu feruti gravament u pprova jdewwihom mill-ahjar li seta` sakemm gew il-Pulizija u l-ambulanza. Sadanitant l-akkuzat qabad is-senter, poggih fil-karozza mar lura d-dar u wara jikkonsenja ruhu lill-Pulizija.

Fil-kors tal-investigazzjoni l-akkuzat ta l-verzjoni tieghu ta’ kif gara l-incident u rrillaxxa wkoll stqarrija.

Din il-Qorti pero`, kif diga` iddekretat fil-bidu ta’ dan il-process, mhihix sejra taghti kaz l-istqarrija u l-ewwel verzjoni li l-akkuzat ta lill-Pulizija, minkejja li dina kienet *a tempo vergine*, peress illi l-akkuzat ma giex moghti d-dritt ta’ assistenza ta’ Avukat fil-bidu nett tal-arrest tieghu. Ghalhekk sejra tikkonsidra biss l-verzjoni tal-akkuzat quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat :

L-akkuzat qal illi dak inhar tal-incident huwa mar fl-ghalqa tieghu f'tal-Qortin,
fil-Limiti taz-Zurrieq biex isewwi s-selha li kienet waqghet mill-hajt tas-sejjieh. Peress illi kien zmien il-kacca ha mieghu s-senter u meta wasal fuq il-post pogga s-senter mal-hajt u beda jsewwi l-hsara li kien hemm fil-hajt tas-sejjieh. Dan il-hajt kien jifred l-ghalqa tal-akkuzat u passagg li skond l-akkuzat huwa tieghu ukoll. Fl-ghalqa vicin kien hemm Joseph Mifsud, illi meta rah jirranga dan il-hajt sab oggezzjoni, qabez ghal gol-isqaq, gie hdejh u beda jillitika` mal-akkuzat dwar il-vera skop ghal x'hix kien qieghed jirranga dak il-hajt, u kien hawnhekk li qal ukoll li kien se javza lil sid l-ghalqa b'dak li kien qed jaghmel l-akkuzat. Sa dan l-istadju l-argument kien ghadu bil-kliem izda umbaghad bdiet tishon u gie iben Mifsud, Redeemer, jaghti daqqa t'id lill-missieru f'dan l-argument illi kellu mal-akkuzat. F'hin minnhom l-akkuzat u Joseph gew fl-idejn u anki gew uzati xi gebel illi kien hemm fil-vicinanzi. L-akkuzat jghid illi qala` gebla go nofs sidru u Mifsud tefghu mal-art, imbuttah mal-hajt u beda jaggredih. Dak il-hin Redeemer qabad is-senter li kien hemm mal-hajt u ppuntah lejn l-akkuzat. L-akkuzat ipprova jiehu dan is-senter minn idejn Redeemer u waqghet biza kbira fuqu. Fl-istess hin illi kien qieghed jissara mat-tifel Joseph kien qed izommlu idejh minn wara, b'tali mod illi ma setax jimmanuvra u b'dak is-senter ippuntat lejh waqa` biza u twerwir kbir fuqu. Redeemer sabbat is-senter mal-art u kemm hu u Joseph daru biex jitilqu `l hemm. Waqt illi kienu daharhom lejh kienu ukoll qed jitfughlu l-gebel b'lura u kien dak il-hin illi qabad is-senter u spara tiri lejn l-art. L-akkuzat jinsisti illi dawn it-tiri gew sparati fid-direzzjoni tal-art u mhux direttament fuq Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud. Wara dan irrealizza x'ghamel u b'dispjacir kbir mar l-ewwel id-dar, qal lil mara x'ghamel u immedjatament mar ikkostitwixxa ruhu lil Pulizija.

Ikkunsidrat :

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi d-difiza qeghda tecepixxi l-iskuzanti ta' difiza legittima l-access taghha u skuzanti ohra kif imfissra fl-artikolu 227 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` illi agixxa taht passjoni istantanja jew

agitazzjoni tal-mohh kif ukoll minhabba s-sahna tad-demm u mhux ghaliex kien hemm xi hsieb illi joqtol lil xi persuna.

Subordinatament ecepixxa wkoll l-iskuzanti tal-provokazzjoni.

Ikkunsidrat :

Ghal dak li jirrigwarda din l-ahhar skuzanti tal-provokazzjoni l-artikolu 227(a) tal-Kap. 9 jipprovdi illi dina tista` tintuza bhala difiza jekk l-aggressjoni subita ikun delitt soggett ghall-piena ta’ aktar minn sena prigunerija.

Mill-provi prodotti imkien ma rrizulta din it-tip ta’ aggressjoni. Se mai l-ewwel kien hemm argument bil-kliem, gew fl-idejn u l-aktar illi intuzat xi gebla jew tnejn. Dawn jaqghu mettament taht il-kappa ta’ kontravenzjonijiet li setghu facilment jigu decizi mill-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Ordinarja taghhom. Ghalhekk dan l-iskuzanti zgur ma japplikax f’dan il-kaz.

Il-Qorti ghalhekk se tghaddi biex tikkunsidra l-iskuzanti ta’ legittima difiza imqajjma mill-akkuzat.

Ikkunsidrat :

Jekk il-Qorti tazzarda taghti definizzjoni ta’ legittima difiza tghid illi dana huwa dritt moghti lil kull persuna li jiddefendi proporzjonalment l-inkolumita` tal-persuna tieghu u ta’ qraba minn aggressjoni, attwali, gravi, ingusta u mhux awtorizzata.

L-elementi principali ghal din id-difiza huma :
1. aggressjoni trid tkun ingusta;
2. titqies bhala wahda gravi;
3. trid tkun attwali u cioe` istantanja;
4. meqjusa bhal inevitabbli;
5. proporzjonata ghall-aggressjoni;
6. kunsidrat b’mod soggettiv kif hasibha l-persuna dak il-hin.

Jekk wiehed jifli dawn l-elementi, mal-provi illi gew prodotti u partikolarment mal-agir tal-akkuzat f'din il-vicenda ssib illi l-agir tieghu huwa ferm il-boghod milli jissodisfa dawn l-elementi.

Jibda biex jinghad illi l-verzjoni tal-akkuzat illi Redeemer qabad is-senter u ppuntah lejh hi ghal kollox inveritiera, ma tinkwadrax fid-dinamika tal-incident u vvintata minnu kapriccjosament biex jipprova johrog minn sitwazzjoni illi ma tantx kienet felici.

Din il-Qorti ma tistax tifhem kif guvnott ta' erbatax-il sena illi ma kienx u lanqas hu dilettant tal-kacca, kif iddikjara quddiem din il-Qorti, jista` jaqbad arma illi mhux imdorri biha, fiha kwazi daqshu u jippunta lejn xi hadd. Dana apparti l-fatt illi l-istess Redeemer Mifsud qatt ma jsemmi cirkostanza bhal din fix-xhieda tieghu, bhal ma wkoll ma jsemmi xejn Joseph Mifsud. Kurjuza wkoll li fil-kontro-ezami taghhom ma ssema xejn u ma gewx mistoqsija dwar din ic-cirkostanti. Forsi sabiex l-akkuzat ma jkun kontradut minn hadd meta johrog b'din l-istorja. L-unika sitwazzjoni illi jsemmu Joseph u Redeemer huwa argument u li gew fl-idejn.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti lesta tikkoncedi illi Joseph Mifsud qabez go l-isqaq, gie vicin l-akkuzat u hemmhekk beda argument bil-kliem, dawn gew fl-idejn propju fil-hin illi wasal ukoll Redeemer Mifsud. Fil-kors ta' din il-glieda, li ma setghetx damet aktar minn ftit sekondi giet uzata xi gebla illi kien hemm fil-vicinanzi li biha l-akkuzat sofra xi griehi hfief ta' l-ebda konsegwenza. Fil-fatt skond it-tobba l-unika feriti illi sofra l-akkuzat kienu girfa maghmula minn difer u zewg feriti hfief fuq il- gilda illi ma hallew l-ebda konsegwenza. Ghalhekk jekk l-aggressjoni ta' Mifsud setghet giet meqjusa bhala wahda ingusta u forsi attwali, zgur illi ma setghetx titqies bhala wahda gravi u lanqas ma kien inevitabbli illi l-akkuzat jiddefendi ruhu minn din l-aggressjoni.

Pero` l-akkuzat jghid illi huwa agixxa kif agixxa minhabba passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha filwaqt id-delitt ma kienx jista` jqies l-ghemil tieghu.

Il-proviso tal-artikolu 227(c) tal-Kap. 9 jghid illi biex din l-iskuzanti tigi ecepita b'success trid tkun tali illi f'nies ta' temperament ordinarju, komunament iggib l-effett illi ma jkunx kapaci li jqiesu l-konsegwenzi tad-delitt.

Kwindi issa m'ahnix aktar fil-kap soggettiv bhal f'legittima difiza imma f'kap oggettiv u t-test irid ikun illi f'nies b'"temperament ordinarju" komunament igib l-effett illi ma jqiesux il-konsegwenzi ta' ghemilhom.

Hawnhekk l-akkuzat jehel bil-bosta.  Alla hares naslu fl-istat illi kull min ikollu xi jghid ma xi hadd, u forsi jigi fl-idejn, u forsi tintuza gebla jew tnejn, jaqbad senter u jispara fuq dak li jkun.  Nies ta' temperament ordinarju ma jagixxux b'dan il-mod, izda jekk ikollhom xi jghidu ma' xi hadd jirrapurtaw lil Pulizija u jhallu lil gustizzja tiehu l-kors taghha.

Ghalhekk l-akkuzat ma jistax jibbenefika minn din l-iskuzanti, inqas u inqas biz-zieda  tal-hsad, bezghat jew twerwir.

L-incident, kien x'kien, zgur illi ma kienx daqshekk gravi illi nies ta' temperament ordinarju jagixxu b'dan il-mod u l-akkuzat ma jistax jibbenefika minn din l-iskuzanti.

Dana stabbilit l-akkuzat jghid illi huwa ma sparax direttament lejn Joseph Mifsud u ibnu izda lejn l-art.  Il-provi pero` juru mod iehor.

Veru illi kien hemm xi tracci ta' comb illi laqtu bajtar tax-xewk imma ma giex stabbilit f'liema livell kienu dawn il-bajtar tax-xewk.  Jibqa l-fatt illi kemm Joseph u t-tifel tieghu Redeemer gew milquta mill-qaghad l-isfel u Joseph intlaqat serjament f'idu meta dina kienet mghollija, li tfisser illi zgur dak it-tir kien immirat il-fuq.

M'ghandekx ghalfejn hafna tul ta' zmien biex wiehed ikollu intenzjoni omicida. Dina tista` tigi mahsuba dak il-hin stess f'attimi ta' sekondi. Proprju illi f'dak il-hin illi l-akkuzat spara dawk it-tiri lejn zewg persuni illi dak il-hin kienu qed jaghtuh daharhom mixjin il-boghod minnu. Propju f'mument meta l-aggressjoni kienet spiccat u kemm Joseph Mifsud u kemm ibnu ma kellhom l-ebda intenzjoni ikomplu jargumentaw mal-akkuzat. Kien propju f'dan il-mument illi l-akkuzat qabad is-senter u spara fid-direzzjoni taghhom. L-akkuzat ma kienx kuntent illi jispara tir jew tnejn imma meta ra illi l-ewwel tir ma kellux l-effett mixtieq rega` spara tir iehor u kompla jispara sakemm literalment hadt is-senter.

Jekk dina ma turix determinazzjoni fl-agir tal-akkuzat ma nafx x'irid ikun. Determinazzjoni illi zgur setghet twassal ghal mewt ta' zewg persuni li gew salvati grazzi esklussivament ghat-trattament kirurgiku illi huma ircevew.

Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-akkuzat ma jistax jinheba wara l-ebda skuzanti.

Wara illi spicca l-argument, illi ma kienx xejn serju, l-akkuzat wettaq l-intenzjoni omicida u esegwixxa din l-intenzjoni billi spara hames tiri ta' senter fid-direzzjoni ta' Joseph Mifsud u ibnu Redeemer. Ta' dan l-akkuzat ghandu pjenament iwiegeb.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta` u tiddeciedi illi wara illi rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali issib lill-akkuzat Mariano Grixti hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb illi joqtol persuna jew bil-hsieb illi jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Ikkunsidrat ghal fini tal-piena illi l-hati wettaq reat serju hafna b'mod kodard u kapriccuz. Irid ikollok vera stonku biex tispara fuq tifel ta' 14 il-sena li l-unika reat tieghu kien

li kien fil-post u hin zbaljat.  Il-qorti ma tistax twarrab il-fredezza u determinazzjoni li wera l-hati.  Huwa inutili jipprova jpengi lil Joseph Mifsud bhala persuna litiguza li jkollu xi jghid ma kullhadd.  Il-hati muhiex xi helu u rrizulta mill-fedina penali li gie kundannat mill-Qorti talli insolenta lill-ohtu u sahansitra hedded lill-ommu!  L-omm ghaziza li ghalina l-Maltin hadd ma joqghod hdejha u gustament mizmuma b’tant ghozza u mhabba.  Kien ikun ahjar ghal hati li jiftakar li nies bis-serer ma jitfghux gebel!

Ghalhekk il-Qorti wara li wkoll qieset sentenzi ohra fejn persuni gew misjuba hatja ta’ attentat ta’ omicidju volontarju senjament “Repubblika ta’ Malta vs Ronnie Azzopardi” deciza fid-29 ta’ Marzu 2011 tikkundanna lill-hati Mariano Grixti ghall-hamsa w ghoxrin (25) sena prigunerija kif ukoll ghall-ammont ta’ elfejn seba` mija u tmienja u tletin Euro u dsatax il-centezmu (€2738.19), rappreżentanti l-ispejjeż  inkorsi f’dan il-proċess,  illi jekk ma jithallsux fi zmien hmistax mil-lum jigu konvertiti f’piena ta’ prigunerija skond il-ligi.

Tordna l-konfiska tal-arma tan-nar li ntuzat f’kommissjoni ta’ dan ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------